

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Celle (Il-Ġermanja) fil-15 ta' Ottubru 2010 — Joseba Andoni Aguirre Zaraga vs Simone Pelz**

(Kawża C-491/10)

(2010/C 346/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinvju**

Oberlandesgericht Celle

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Joseba Andoni Aguirre Zaraga

Konvenut: Simone Pelz

**Domandi preliminari**

- (1) Fil-kuntest ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 42 tar-Regolament ta' Brussell Ila (¹) skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha eċċezzjonalment poter ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħha fil-każ fejn id-deċiżjoni tal-Istat Membru ta' oriġini li għandha tiġi infurzata hija vvizzjata bi ksur serju tad-drittijiet fundamentali?
- (2) Il-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni hija marbuta też-ġewixxi d-deċiżjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini anki jekk mill-proċess jirriżulta li c-ċertifikat maħruġ mill-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini abbażi tal-Artikolu 42 tar-Regolament ta' Brussell Ila jinkludi dikjarazzjoni manifestament ineżatta?

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri, u li jirevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ufficio del Giudice di Pace di Venafro (I-Italja) fil-15 ta' Ottobru 2010 — Proċeduri kriminali kontra Aldo Patriciello**

(Kawża C-496/10)

(2010/C 346/58)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinvju**

Ufficio del Giudice di Pace di Venafro

**Parti fil-kawża prinċipali**

Aldo Patriciello

**Domanda preliminari**

Il-fatti li jikkostiwixxu reat allegatament attribwit lill-Membru Parlamentari Ewropew Aldo Patriciello (deskritt fl-att ta' akkuża

u digħi suġġett għal deċiżjoni ta' difiża tal-immunità adottata mill-Parlament Ewropew fil-5 ta' Mejju 2009), li jikkwalifikaw bħala inġurja skont l-Artikolu 594 tal-Codice Penale, jikkostit-wixxu opinjoni espresso fil-qadi ta' dmirijiet parlamentari skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Centrale — Sezione di Bologna (I-Italja) fid-19 ta' Ottubru 2010 — Ufficio IVA di Piacenza vs Belvedere Costruzioni Srl**

(Kawża C-500/10)

(2010/C 346/59)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinvju**

Commissione Tributaria Centrale — Sezione di Bologna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ufficio IVA di Piacenza

Konvenuta: Belvedere Costruzioni Srl

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 10 tat-Trattat KE, li issa sar l-Artikolu 4 TUE, u l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul, jipprekludu regola tal-Istat Taljan, li tinsab fl-Artikolu 3(2a) tad-Digriet Liġi Nru 40, tal-25 ta' Marzu 2010, ikkonvertit fil-Liġi Nru 73, tat-22 ta' Mejju 2010, li tipprobixxi l-qorti kompetenti fil-qasam fiskali milli tiddeċċiedi dwar l-eżiżtenza ta' dejn fiskali li l-ħlas tiegħu ntalab fit-terminu previst mill-awtorità tat-taxxa permezz ta' appell minn deċiżjoni sfavorevoli, u li għaldaqstant tipprovd, esenzjalment, għar-rinunja totali tal-kreditu ta' VAT inkwistjoni meta l-ineżiżtenza ta' dan tal-aħħar tkun għet ikkonstatata f'żewġ istanġi ġudizzjarji, mingħajr ebda ħlas, lanqas parżjali, tal-kreditu inkwistjoni mill-persuna taxxabbi li tibbeni minn din ir-rinunja?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Santa Maria Capua Vetere (I-Italja) fit-19 ta' Ottubru 2010 — Proċeduri kriminali kontra Raffaele Russo**

(Kawża C-501/10)

(2010/C 346/60)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinvju**

Tribunale di Santa Maria Capua Vetere

**Parti fil-kawża prinċipali**

Raffaele Russo